**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 555/97

Francis Farrugia.

vs

Rettur ta’ l-Universita` ta’ Malta

Illum 27 ta’ Settembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa garrab ingustizzja fl-impieg tieghu mal-Universita’ fis-snin 1987 sa 1995.

Illi r-rikorrent kien impjegat tal-Universita’, u dahal bhala ‘labourer’ fil-1981, u wara, lahaq, ‘handyman’. Fl-1985 huwa gie sekondat mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, fejn baqa’ sal-1995.

Ma’ tul dan il-perjodu, l-Universita’ harget hafna sejhiet ghall-applikazzjonijiet, izda r-rikorrent qatt ma gie mgharraf bihom, u

b'hekk huwa tilef l-opportunita' li javvanza bhal ma shabu kollha fl-Universita' ghamlu.

Fl-istess perjodu, fl-1991, sar ftehim bejn l-Universita' u l-Union li tirrapprezenta l-haddiema taghha, li permezz tieghu l-haddiema kollha ta' Dipartiment tal-'maintenanace' hadu promozzjoni ghal 'Senior Handyman'. Ir-rikorrent thalla barra mill-promozzjonijiet u meta staqsa ghaliex, qalulu li kienu nsewh. Mhabba dan, ir-rikorrent tilef zieda ta' madwar Lm700 fis-sena.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilmenti imsemmija skond l-Att VIII tal-1997, u jiddikjara li r-rikorrent garrab ingustizzji fl-impieg tieghu fil-perjodu imsemmi, u jiddeciedi li r-rikorrent ghandu jitqies li gie promoss ghall-grad ta' "Senior Handyman" b'effett mill-1991, u ghandu jinghata dak kollu li tilef fi paga u hlas, u fin-nuqqas ta' dan, li r-rikorrent jinghata kumpens ta' Lm5,000 ghat-telf li sofra b'konsegwenza tal-ingustizzji li garrab.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tar-Rettur ta' l-Universita ta' Malta li eccepixxa:-

Iilli ir-rikorrent jopponi ruhu ghat-talba ta' Francis Farrugia kif kontenuta fir-rikors tieghu fuq imsemmi u dan billi ma gietx mill-Universita' ta' Malta kommessa mieghu ebda ingustizzja jew diskriminazzjoni.

Illi Francis Farrugia gie impjegat ma' l-Universita ta' Malta fit-22 ta' Ottubru 1979 bhala "Part-time Labourer". B'effett mill-24 ta' Gunju 1981, kien appuntat "Labourer" u b'effett mit-8 ta' Dicembru 1981, Skilled Labourer. Fuq applikazzjoni tieghu, a bazi ta' offerta interna tal-14 ta' Mejju 1982, gie appuntat bhala Handyman Group C b'effett mit-18 ta' Gunju 1982.

Illi fl-1 ta' Novembru 1984, Mr.Farrugia kien, fuq talba tieghu sekondat mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, f'liema post huwa baqgha sa l-ahhar ta' Novembru 1994.

Illi fiz-zmien li Francis Farrugia kien sekondat mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, l-Universita' ta' Malta ghamlet sejha wahda biss ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta' Senior Handyman u dan fl-1991. Din is-sejha giet reklamata fl-istess mod li jigu reklamati sejhiet ghal applikazzjonijiet interni, u kopji ta' l-avviz gew imwahhla man-Notice Boards kollha ta' l-Universita' ta' Malta. Huwa difficcli ferm li r-rikorrent ma kienx jaf b'din is-sejha.

Illi l-Universita' ta' Malta tichad wkoll it-tieni kontenzjoni tar-rikorrent, u cioe, li meta taghat promotion lill-shabu kollha, l-Universita ta' Malta nsietu barra. Il-ftehim ghall-liema r-rikorrent jaghmel riferenza giet iffirmata mal-Unions f'April ta' l-1996 u giet back dated sal-ewwel ta' Jannar 1991. B'rizultat ta' dan il-ftehim ir-rikorrent, bhala handy-man gie mdahhal fl-iskala numru 17. Qabel dan il-ftehim huwa kien iddahhal fl-iskala 18. Kienu biss Senior Handyman li qabel dan il-ftehim kienu fl-iskala 16 li gew mdahhla fl-iskala 15, u dan biss jekk kienu okkupaw din il-pozizzjoni ghal tlett snin qabel dan il-ftehim. Senior Handyman li

kienu jokkupaw din il-posizzjoni ghal tmien snin gew mdahhla fi skala 14.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jissottometti bir-rispett li t-talba tar-rikorrent m'hijiex gustifikata.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti ikkonferma l-fatti kollha li hemm indikati fir-rikors bhala l-verita` kollha.

Xehed Emidio Attard manager Estate and Works fl-Universita` ta` Malta li semma li r-rikorrent jahdem tahtu. Kien ghamel zmien ghal secondment mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. L-interviews ghal handyman u l-karigi hargu fl-1989 bejn wiehed u iehor. L-interview kien sar fuq call interna. Fuq call interna l-procedura mhix li jkun hemm pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern jew xi gazzetti l-lokali izda biss li tkun imwahhla c-cirkolari fuq in-notice

board. Ebda cirkolari ma ntbaghatet direttament lir-rikorrent id-dar tieghu jew xi post iehor.

Fl-1989 dawk li gew accettati min kien handyman sar senior handyman. Ir-rikorrent dak iz-zmien kien handyman. Bejn wiehed u iehor l-ammont ta` paga differenza bejn handyman ghal senior handyman kienet xi LM200 fis-sens. "Ir-rikorrent kien irritorna l-Universita' xi hames snin ilu. Farrugia jahdem tajjeb hafna, u hu kien thabatt hafna biex jaghtuh il-promotion li kien jisthoqqlu. Hu fil-fatt dina hadha xi sena ilu u llum il-gurnata huwa senior handyman. Dawk li kienu mieghu bhala handyman fl-1989 illum il-gurnata huma senior handyman ukoll bhalu."

Joseph Borg li ghal dawn l-ahhar tliet snin jahdem bhala Assistant Registrar mal-Universita` ta` Malta xehed li dak iz-zmien kien shopsteward tal-Universita` u anke ufficjal tal-UHM. Fl-1985 ir-rikorrent kien misluf mal-Gvern ghall-Education Department u dam sal-1995, ghaxar snin shah misluf lill-Gvern. Ir-rikorrent kien kellmu fl-1995 u kien qallu li ghalkemm ghaddew numru ta` snin hu qatt ma rcieva karti biex jaghmel xi applikazzjoni u fil-fatt ma kien ghamel ebda applikazzjoni ghall-promozzjoni. Kien hass li ghandu jikteb lir-Rettur dwar il-kaz tieghu biex jirrakkomanda li jinghata l-promozzjonijiet mehtiega. Pero` min dan kollu ma sar xejn. Lanqas l-impjegati l-ohra ma kienet intbaghatitilhom notice id-dar. Kienu jitwahhlu n-notices l-Universita` wara li tkun harget il-call for application.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Ikkunsidra

Illi Fil-kawza fl-ismijiet Costantino Azzopardi vs Telemalta Corporation deciza fil-25 ta' Settembru, 2001, it-Tribunal qal:

- "L-ewwel kunsiderazzjoni li trid issir mit-Tribunal hi jekk c-cirkolari hargitx kif suppost;
- It-tieni aspett li jrid jigi studjat hu jekk l-applikazzjonijiet sarux b'mod regolari u thallewx jaghmlu l-interview dawk kollha intitolati ghalih u li ma thallix min mhux suppost;
- It-tielet aspett huwa jekk l-allokazzjoni ta' marki ghad-diversi aspetti kinitx regolari mal-ftehim kollettiv, u b'mod logiku u ekwu tenut kont tac-cirkostanzi kollha;
- Ir-raba' aspett hu jekk minn dak li jista' jasal ghalih it-Tribunal l-allokazzjoni tal-marki lill-iindividwi kinitx wahda ekwa; hawn it-Tribunal mhux qieghed jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Bord izda qieghed jara fejn hu possibli jekk kienx hemm zbalji evidenti u strabi hafna."

Issa jidher li l-applikazzjonijiet hargu kif suppost. L-Universita' mhi b'ebda mod marbuta li ghal applikazzjonijiet interni tippublika dawn fuq gazzetta, jew li tibghathom id-dar ta' dawk kollha intitolati li japplikaw. Kien jinkombi fuq ir-rikorrent li joqghod attent ghal xi haga hekk. It-Tribunal jifhem li hu ferm difficli ghal min imur jahdem ma' Dipartiment iehor li joqghod jaghmel verifiki bhal dawn izda b'ebda mod ma jista' dan it-Tribunal isib li l-Universita' ghamlet xi ingustizzja f'dan il-kaz. Huwa biss fid-diskrezzjoni ta' l-awtoritajiet ta' l-Universita' li jekk ihossu gust [li probabilment hu] li *ex gratia* jaghtu lir-rikorrent somma akkont tad-differenza li baghta. Izda legalment it-Tribunal ma jistax isib li l-Universita' ghamlet xi ingustizzja.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat. Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.